MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru 538/2014

Il-Pulizija

(Spettur Darren Buhagiar)

vs

Sanaa Nazmi Mahmoud Taha

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-akkuzata ta’ nazzjonalita Palestinjana, imwielda Benghazi u tirrisjedi il-Libya akkuzata:

1. talli fit-2 ta’ Gunju 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer meta kellha fil-pussess taghha dokument mahrug minn awtorita’ kompetenti, cioe’ passaport Svediz, innumerat 86487519 u mahrug f’isem Iman Chbib, u ittrasferiet dan id-dokument lil persuna ohra jew irceviet dokumenti li gie ittrasferit lilha minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-ligijiet ta’ Malta);
2. talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet uzu jew ittantat taghmel uzu minn document mahrug lil persuna ohra, cioe’ dak diga imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-ligijiet ta’ Malta);

3. talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taghat prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ( Kap 217, Sec32(1c) tal-ligijiet ta’ Malta;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata ssibha hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha;

Rat l-Artikolu 3 u 4 tal-Kap 61, l-Artiklu 32 (1)© tal-Kap 217 u l-Artikolu 17 tal-Kap 9

Tikkundanna tlett xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------